MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 391/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Preskovia Agius**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Preskovia Agius (Karta ta’ l-Identita` nru 81782M) talli fl-10 ta’ Lulju 2007 u ghas-sitt gimghat precedenti, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b’risoluzzjoni wahda, naqset milli meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta b’kuntratt sabiex taghti access ghall-wild Isaac ta’ sitt snin taht il-kustodja taghha lil missieru Clive Gatt, u rrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Preskovia Agius hatija skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmija Preskovia Agius, minnha ppresentat fit-8 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka tas-sentenza jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenza tal-Gimgha 11 ta' Jannar 2008; ikkunsidrat:

Fl-udjenza msemmija l-abbili difensur ta' l-appellanti, fil-presenza ta' l-istess appellanti u bil-kunsens taghha, illimita l-appell odjern ghall-piena. In fatti, mill-provi mismugha, senjatament id-deposizzjoni ta' missier it-tifel, Clive Gatt, u tal-appellanti, huwa ovvju li l-appellanti ma kellha ebda raguni valida ghala ghall-periodu inkriminat u <u>sa ma l-ewwel qorti tat is-sentenza taghha f'Ottubru</u> (li minnha qed isir dana l-appell), l-appellanti baqghet iccahhad lil Clive Gatt mill-access ghat-tifel komuni taghhom, u dan bi ksur tad-digriet relattiv tas-Sekond Awla. Ir-raguni moghtija mill-appellanti – u cioe` li t-tifel <u>ta' sitt snin</u> ma riedx imur ghand missieru ghax kien jiddejjaq – mhux biss hija skuza banali anke li kieku verament it-tifel ma riedx imur ma' missieru – din il-Qorti, kemm kif presjeduta kif ukoll diversament presjeduta, irrimarkat diversi drabi li tfal ta' eta` hekk zghira ma jistghux jiddeciedu huma dwar l-access u l-modalitajiet tieghu, u n-nuqqas tal-parti li jkollha l-kustodja tal-minuri li taghmel dak kollu ragjonevoli biex tassigura ghall-parti l-ohra l-imsemmi access jammonta effettivament ghar-reat kontemplat fl-Art. 338(*ll*) tal-Kap. 9 – izda f'dan il-kaz din il-Qorti hi sodisfatta li ma hux minnu li t-tifel ma riedx hekk imur ma' missieru. Fi kliem iehor, l-appellanti ivvintat skuza u giet taqa' w tqum mid-digriet tal-Qorti. Kien biss meta giet rinfaccata b'gimgha inkarcerazzjoni li, donnha, irrealizzat f'hix kienet dahlet u f'daqqa wahda r-riluttanza kollha tat-tifel li jmur ma' missieru sparixxiet kwazi mirakolozament; infatti Clive Gatt fisser li mas-sentenza

ta’ Ottubru li ghadda hu rega’ beda jkollu access regolari ghat-tifel.

Din il-Qorti ma kienx ikollha l-icken ezitazzjoni tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghall-piena ta’ detenzjoni li kieku fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha 11 ta’ Jannar 2008 l-ufficjal prosekutur, l-Avukata Dott. Nadine Sant, ma fissritx li l-prosekuzzjoni ma kienitx qed tinsisti fuq il-piena karcerarja, basta li jigi assigurat li l-appellanti ma taghmel xejn aktar biex tostakola l-access tal-missier ghat-tifel. Tenut kont tal-fatt li, sal-lum, l-appellanti kellha fedina penali nadifa kif ukoll tenut kont tal-fatt li jidher li issa -- u fl-ahhar -- irrealizzat li ma tistax tisfida impunement id-digriet tal-Qorti minghajr konsegwenzi serji, hemm lok li l-piena karcerarja tigi mibdula f’dik pekunjarja. Il-Qorti, pero`, qed taghmilha cara lill-appellanti li jekk hija terga’ tonqos b’xi mod fir-rigward tal-imsemmi access, hija m’ghandhiex tippretendi li ssib hajt ta’ kenn quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Preskovja Agius giet ikkundannat gimgha detenzjoni u minflok tikkundannaha hamsa w hamsin Ewro (E55), konvertbbli f’erbat ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------